

Brussell, 8 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15536/17

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0125 (COD)

POLMIL 165
COMPET 862
CFSP/PESC 1122
CSDP/PSDC 701
COPS 393
EUMC 157
ECOFIN 1104
IND 369
MI 942
RECH 415
EMPL 611
CODEC 2037

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	15165/17 10589/17 + COR 1 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża bil-għan li jappoġġa l-kompetittività u l-kapaċità innovattiva tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni (L-ewwel qari) - Approċċ ġenerali

1. Fis-7 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill il-proposta tagħha dwar l-istabbiliment tal-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża bil-għan li jappoġġa l-kompetittività u l-kapaċità innovattiva tal-industrija tad-difiża tal-UE¹.

¹ 10589/17.

2. Fis-6 ta' Lulju 2017, il-Coreper qabel dwar il-mandat għall-Grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza dwar il-proposta għall-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP)², li beda bl-eżami tal-proposta fil-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Lulju 2017.
3. Il-Kunsill Ewropew tad-19 ta' Ottubru 2017 laqa' l-ħidma li saret s'issa mill-koleġislaturi dwar il-proposta tal-Kummissjoni għall-EDIDP, u appella għal qbil fil-Kunsill sa tmiem is-sena, bil-ħsieb li jiġu konklużi n-negozjati mal-Parlament Ewropew kemm jista' jkun malajr sabiex l-ewwel proġetti ta' kapaċità identifikati mill-Istati Membri jiġu ffinanzjati fl-2019³.
4. Is-Servizz Legali tal-Kunsill ħareġ l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta fit-23 ta' Novembru 2017⁴.
5. Wara l-eżami tal-proposta f'diversi laqgħa, il-Grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza laħaq qbil kbir ħafna dwar abbozz ta' test fil-laqgħa tiegħu fit-28 u d-29 ta' Novembru 2017.
6. Il-Coreper iddiskuta dan il-punt fil-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Diċembru 2017. Ġiet ippreżentata proposta ta' kompromess tal-Presidenza rigward l-Artikoli 6(3), 6(4) u 6(5).
7. Il-Coreper mistieden jikkonferma li jaqbel mat-test kif jinsab fl-Anness, bil-ħsieb li jiġi ppreżentat lill-Kunsill biex jintlaħaq Approċċ Ġenerali dwar il-proposta.

² 10849/1/17.

³ EUCO 14/17.

⁴ 14876/17.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża bil-għan li jappoġġa l-kompetittività u l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 173 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

¹ ĠU C [...], [...], p. [...].

- (1) Fil-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża adottat fit-30 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tikkomplementa, tikkonsolida u tagħti spinta lill-isforzi kollaborattivi tal-Istati Membri fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża li jwieġbu għall-isfidi fil-qasam tas-sigurtà, kif ukoll li trawwem industrija Ewropea tad-difiża li tkun kompetittiva u innovattiva. Hija pproponiet, b'mod partikolari, li jitnieda Fond Ewropew għad-Difiża b'appoġġ għall-investiment fir-riċerka konġunta u l-iżvilupp konġunt tat-tagħmir u tat-teknoloġiji fil-qasam tad-difiża, u li jkun hemm inċentivi għall-akkwist u l-manutenzjoni konġunti. Il-Fond ser jappoġġa l-kooperazzjoni matul iċ-ċiklu kollu tal-iżvilupp tal-prodotti u tat-teknoloġija fil-qasam tad-difiża, biex b'hekk jippromwovi s-sinerġiji u l-kosteffettività. L-oġġettiv huwa li jsiru disponibbli kapaċitajiet, li tkun żgurata bażi kompetittiva, innovattiva u bbilanċjata għall-industrija Ewropea tad-difiża fl-Unjoni kollha, inkluż permezz ta' kooperazzjoni transfruntiera u l-parteċipazzjoni tal-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs)², u li jsir kontribut għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tad-difiża, permezz tal-isfruttament ta' sinerġiji u billi jiġi mmobilizzat l-appoġġ tal-Unjoni apparti l-finanzjament tal-Istati Membri.
- (2) Sabiex isir kontribut għat-titjib tal-kompetittività u l-kapaċità tal-innovazzjoni tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġi stabbilit Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (minn hawn 'il quddiem "il-Programm"). Jenħtieġ li l-Programm ikollu l-għan li jtejjeb il-kompetittività tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni, fost l-oħrajn iċ-ċiberdifiża, billi jappoġġa l-Kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-intrapriżi, inkluż iċ-ċentri ta' riċerka u l-universitajiet, fil-fażi tal-iżvilupp tal-prodotti u t-teknoloġiji fil-qasam tad-difiża. Il-fażi tal-iżvilupp, li tiġi wara l-fażi tar-riċerka u t-teknoloġija, tinvolvi riskji u spejjeż sinifikanti li joħolqu ostakli għall-isfruttament ulterjuri tar-riżultati tar-riċerka u għandhom impatt negattiv fuq il-kompetittività tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni. Permezz ta' appoġġ għall-fażi tal-iżvilupp, il-Programm jikkontribwixxi għal titjib fl-isfruttament tar-riżultati tar-riċerka fil-qasam tad-difiża u jgħin biex jitnaqqas id-distakk bejn ir-riċerka u l-produzzjoni kif ukoll biex tiġi promossa kull forma ta' innovazzjoni. Jenħtieġ li l-Programm jikkomplementa l-attivitajiet imwettqa f'konformità mal-Artikolu 182 TFUE u ma jkoprix il-produzzjoni jew l-akkwist tal-prodotti u t-teknoloġiji fil-qasam tad-difiża.

² Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 rigward id-definizzjoni ta' mikrointrapriżi, intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (*Ġurnal Uffiċjali L 124, 20/05/2003 P. 0036 – 0041*).

- (3) Jenħtieġ li b'intrapriżi nifhmu entitajiet involuti f'attività ekonomika, irrispettivament mill-istatus legali tagħhom u mill-mod kif inhuma ffinanzjati. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, intrapriża hi stabbilita fl-Istat Membru li fih tkun inkorporata, f'konformità mal-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat Membru.
- (4) Biex jiġu sfruttati aħjar l-ekonomiji ta' skala fl-industrija tad-difiża, jenħtieġ li l-Programm jappoġġa l-Kooperazzjoni bejn l-intrapriżi fl-iżvilupp tal-prodotti u t-teknoloġiji fil-qasam tad-difiża. Bil-għan li jinkisbu soluzzjonijiet aktar innovattivi u suq intern miftuħ, il-Programm jappoġġa l-parteċipazzjoni transfruntiera tal-SMEs.
- (5) Jenħtieġ li l-Programm ikopri perijodu ta' sentejn mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2020 filwaqt li l-ammont għall-implimentazzjoni tal-Programm jenħtieġ li jiġi ddeterminat għal dan il-perijodu.
- (6) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għad-durata sħiħa tal-Programm, li għandu jikkostitwixxi l-ammont ta' referenza prinċipali, fis-sens tal-punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba³, għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill waqt il-proċedura baġitarja annwali.
- (7) Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Awtorità tal-Baġit, jenħtieġ li l-baġit totali għall-implimentazzjoni tal-Programm jsir disponibbli esklużivament permezz ta' riallokazzjonijiet taħt is-Subintestatura 1a (Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi) tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perijodu 2014-2020.

³ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

- (8) Jenħtieġ li l-Programm jiġi implimentat f'konformità sħiħa mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴. B'mod partikolari, il-finanzjament jista' jieħu l-forma ta' għotjiet u ta' akkwist pubbliku għall-forniment ta' studji. L-istrumenti finanzjarji jistgħu jintużaw ukoll fil-futur abbażi tal-esperjenza ta' dan il-Programm, speċjalment għat-tieqa għall-kapaċitajiet tal-Fond Ewropew għad-Difiża wara l-2020. Il-Kummissjoni ser tibda bil-ħidma preparatorja, il-valutazzjoni u l-proposti rilevanti mill-aktar fis possibbli.
- (9) Il-Kummissjoni tista' tafda parti mill-implimentazzjoni tal-programm lil entitajiet imsemmija fl-Artikolu 58(1)(c) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.
- (10) Wara li l-prijoritajiet komuni b'rabta mal-kapaċitajiet ta' difiża ġew definiti fil-livell tal-Unjoni permezz tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet, b'kont meħud ukoll tar-Rieżami Annwali Kkoordinat dwar id-Difiża, u bil-ħsieb li jinkiseb il-Livell ta' Ambizzjoni tal-UE kif maqbul mill-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu tal-14 ta' Novembru 2016 u approvat mill-Kunsill Ewropew fil-15 ta' Diċembru 2016, l-Istati Membri jidentifikaw u jikkonsolidaw ir-rekwiżiti militari u jiddefinixxu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-proġett. Jistgħu wkoll jaħtru maniġer tal-proġett inkarigat biex imexxi l-ħidma relatata mal-iżvilupp ta' proġett kollaborattiv.
- (11) F'każ li azzjoni li tingħata appoġġ mill-Programm titmexxa minn maniġer tal-proġett, inkluż organizzazzjoni internazzjonali inkarigata li tmexxi l-proġett bħall-Organizzazzjoni Konġunta għall-Kooperazzjoni fil-Qasam tal-Armamenti, maħtur mill-Istati Membri, qabel ma jinħareġ il-pagament lill-benefiċjarju tal-azzjoni eliġibbli, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkonsulta lill-maniġer tal-proġett biex dan ikun jista' jiżgura li l-benefiċjarji jirrispettaw l-iskadenzi.

⁴ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

- (12) L-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni ma għandux jaffettwa t-trasferiment ta' prodotti relatati mad-difiża fi ħdan l-Unjoni f'konformità mad-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, u lanqas ma għandu jaffettwa l-esportazzjoni ta' prodotti, tagħmir jew teknoloġiji. Barra minn hekk ma għandux lanqas jaffettwa d-diskrezzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tal-politika dwar it-trasferiment fi ħdan l-Unjoni u l-esportazzjoni ta' prodotti relatati mad-difiża.
- (13) Peress li l-oġettiv tal-Programm hu li jappoġġa l-kompetittività tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni billi jneħħi r-riskji fil-fażi tal-iżvilupp ta' proġetti ta' Kooperazzjoni, jenħtieġ li l-azzjonijiet relatati mal-iżvilupp ta' prodott jew teknoloġija fil-qasam tad-difiża, fosthom id-definizzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni, id-disinn, il-ħolqien ta' prototipi, l-ittestjar, l-ikkwalifikar, iċ-ċertifikazzjoni kif ukoll l-istudji dwar il-fattibbiltà, l-effiċjenza tal-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja u miżuri oħra ta' appoġġ ikunu eliġibbli biex jibbenefikaw mill-programm. Dan ser japplika wkoll għat-titjib tal-prodotti u t-teknoloġiji eżistenti fil-qasam tad-difiża.
- (14) Peress li l-Programm għandu l-għan, b'mod partikolari, li jsaħħaħ il-Kooperazzjoni bejn l-intrapriżi fl-Istati Membri kollha, jenħtieġ li l-azzjoni ma tkunx eliġibbli għall-finanzjament mill-Programm ħlief jekk issir f'Kooperazzjoni bejn mill-inqas tliet intrapriżi bbażati f'mill-inqas żewġ Stati Membri differenti. Din l-esperjenza ser tintuża biex tiġi vvalutata l-possibbiltà li jiżdied l-għadd minimu ta' Stati Membri fil-kuntest ta' kwalunkwe programm futur.

⁵ Id-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità (ĠU L 146, 10.6.2009, p. 1).

- (15) Ħafna drabi l-kollaborazzjoni transfruntiera bejn l-intrapriżi bbażati fi Stati Membri differenti fl-iżvilupp ta' prodotti u teknoloġiji fil-qasam tad-difiża ġiet imfixkta minħabba d-diffikultà li jintlaħaq qbil dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi komuni. In-nuqqas jew il-livell limitat ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni wassal biex żdiedu l-kumplessità, id-dewmien u l-ispejjeż esaġerati fil-fażi tal-iżvilupp. Jenħtieġ li waħda mill-kondizzjonijiet biex ikun jista' jinkiseb l-appoġġ tal-Unjoni taħt dan il-Programm għal azzjonijiet li jinvolvu livell għola ta' maturità teknoloġika hi li jintlaħaq qbil dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi komuni. Jenħtieġ li l-istudji dwar il-fattibbiltà u l-azzjonijiet li għandhom l-għan li jappoġġaw il-ħolqien ta' definizzjoni komuni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jkunu eliġibbli għall-appoġġ taħt il-Programm.
- (16) Peress li l-Programm għandu l-għan li jtejjeb il-kompetittività tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni, jenħtieġ li jkunu biss l-entitajiet stabbiliti fl-Unjoni li jkunu eliġibbli għall-appoġġ. Barra minn hekk, biex tkun żgurata l-protezzjoni ta' interessi essenzjali marbutin mas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, l-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi li jintużaw mill-benefiċjarji u mis-subkuntratturi fl-azzjonijiet iffinanzjati mill-Programm ma għandhomx ikunu jinstabu fit-territorju ta' pajjiżi terzi. Jenħtieġ li l-kunċett ta' subkuntratturi jinftehem skont it-tifsira tal-Artikolu 101(1)(n) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, kif emendat bir-Regolament (UE, Euratom) 2015/1929 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ottubru 2015.

(17) Il-benefiċjarji u s-subkuntratturi tagħhom ma għandhomx fil-prinċipju jkunu soġġetti għal kontroll minn pajjiżi terzi jew entitajiet ta' pajjiżi terzi. Madankollu, għal każijiet partikolari fejn l-intrapriżi li jinsabu fl-Unjoni jiġu kkontrollati minn pajjiżi terzi jew minn entità ta' pajjiżi terzi, dawn l-intrapriżi jistgħu jkunu eliġibbli jekk l-Istat Membru fejn jinsabu jipprovdi biżżejjed garanziji li dan ma jmurx kontra l-interessi marbutin mas-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha kif stabbilit fil-qafas tal-Politika Eстера u ta' Sigurtà Komuni f'konformità mat-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, inkluż f'termini tat-tiżi tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea. Għall-fini ta' dan ir-Regolament biss, jenħtieġ li entità ta' pajjiżi terzi tisser entità legali stabbilita barra mill-Unjoni jew li l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tagħha jinsabu barra mill-Unjoni jew entità legali li taqa' taħt il-kontroll ta' pajjiżi terzi, ta' ċittadin ta' pajjiżi terzi jew ta' entità oħra simili ta' pajjiżi terzi. Jenħtieġ li l-kontroll jiġi ddefinit bħala l-kapaċità li tiġi eżerċitata influwenza deċiżiva fuq l-intrapriża. Jenħtieġ li, qabel l-iffirmar tal-ftehim ta' finanzjament, il-benefiċjarji jipprovdu l-informazzjoni kollha rilevanti dwar l-elementi u l-infrastruttura li ser jintużaw fl-azzjoni. Jenħtieġ li t-tassib tal-Istati Membri rigward is-sigurtà tal-provvista jiġi kkunsidrat ukoll.

(18) L-azzjonijiet eliġibbli żviluppati fil-kuntest ta' Kooperazzjoni Strutturata Permanenti fil-qafas istituzzjonali tal-Unjoni jiżguraw Kooperazzjoni msaħħa bejn l-intrapriżi fi Stati Membri differenti fuq bażi kontinwa u b'hekk jikkontribwixxu direttament għall-għanijiet tal-Programm. Għalhekk jenħtieġ li dawn il-proġetti jkunu eliġibbli għal rata ogħla ta' finanzjament.

L-azzjonijiet eliġibbli żviluppati b'parteċipazzjoni konsiderevoli min-naħa tal-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja (Midcaps), u b'mod partikolari l-SMEs transfruntieri, li jappoġġaw il-ftuħ tal-ktajjen tal-provvista, jikkontribwixxu b'mod dirett għall-miri tal-programm. Jenħtieġ, għalhekk, li tali proġetti jkunu eliġibbli għal rata ogħla ta' finanzjament, inkluż biex jiġi kkompensat ir-riskju akbar u l-piż amministrattiv akbar. L-azzjonijiet eliġibbli ma' kwalunkwe SME stabbilita fl-Istati Membri bl-eċċezzjoni ta' daww fejn l-intrapriżi fil-konsorzju li mhumex SMEs ikunu stabbiliti, jistgħu jibbenefikaw minn rata ogħla ta' finanzjament.

- (19) Jekk xi konsorzju jkun jixtieq jieħu sehem f'azzjoni eliġibbli taħt il-Programm u l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni tkun ser tieħu l-għamla ta' għotja, jenħtieġ li l-konsorzju jaħtar wieħed mill-membri tiegħu bħala koordinatur li ser ikun il-punt ewlieni ta' kuntatt mal-Kummissjoni.
- (20) Jenħtieġ li l-promozzjoni tal-innovazzjoni u tal-iżvilupp teknoloġiku fl-industrija tad-difiża tal-Unjoni ssir b'mod konsistenti mal-interessi tal-Unjoni b'rabta mas-sigurtà. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-kontribut tal-azzjoni għal dawk l-interessi u għall-prijoritajiet b'rabta mal-kapaċità ta' difiża maqbula fost l-Istati Membri fil-qafas tal-Politika Esera u ta' Sigurtà Komuni iservi bħala kriterju għall-għotja. Fl-Unjoni, il-prijoritajiet komuni b'rabta mal-kapaċità tad-difiża jiġu identifikati l-aktar permezz tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet. Il-proċessi l-oħra tal-Unjoni, fosthom ir-Rieżami Annwali Kkoordinat dwar id-Difiża (CARD) u l-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO) ser jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet rilevanti permezz ta' Kooperazzjoni msaħħa. Fejn xieraq, l-azzjonijiet, l-inizjattivi u l-prijoritajiet reġjonali u internazzjonali, inkluż dawk fil-kuntest tan-NATO, meta jservu l-interessi tal-Unjoni b'rabta mas-sigurtà u d-difiża u b'kont meħud li jenħtieġ li tiġi evitata d-duplikazzjoni bla bżonn, jistgħu wkoll jiġu kkunsidrati kull meta ma jeskludux il-possibbiltà tal-parteċipazzjoni ta' kwalunkwe Stat Membru tal-UE.
- (21) Jenħtieġ li l-impenn min-naħa tal-Istati Membri li jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-finanzjament tal-azzjoni jintwera pereżempju permezz ta' ittra ta' intenzjoni mingħand dawn l-Istati Membri, sabiex jiżguraw li l-azzjonijiet iffinanzjati jkunu vijabbli.
- (22) Sabiex ikun żgurat li l-azzjonijiet iffinanzjati jikkontribwixxu għall-kompetittività u l-effiċjenza tal-industrija Ewropea tad-difiża, jenħtieġ li dawn ikunu orjentati lejn is-suq, motivati mid-domanda u kummerċjalment vijabbli fuq perijodu ta' żmien medju jew twil. Għalhekk, jenħtieġ li l-fatt li l-Istati Membri jkunu diġà beħsiebhom jakkwistaw il-prodott finali jew jużaw it-teknoloġija b'mod konġunt, possibbilment b'mod koordinat, jiġi kkunsidrat fil-kriterji ta' eliġibbiltà. Sabiex jingħata appoġġ favur suq intern miftuħ, jenħtieġ li tiġi kkunsidrata wkoll il-parteċipazzjoni kredibbli tal-SMEs transfruntieri bħala membri ta' konsorzji jew bħala subkuntratturi.

- (23) Jenħtieġ li l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni taħt il-Programm ma taqbiżx l-20 % tal-ispiża eliġibbli tal-azzjoni, fit-tifsira tal-Artikolu 126 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħolqien tal-prototipi tas-sistema li ħafna drabi jikkostitwixxi l-akbar spiża fil-fażi tal-iżvilupp. Madankollu, l-ammont totali tal-ispejjeż eliġibbli jista' jiġi kopert għal azzjonijiet oħra fil-fażi tal-iżvilupp.
- (24) Billi l-appoġġ tal-Unjoni għandu l-għan li jtejjeb il-kompetittività tas-settur u jikkonċerna biss il-fażi speċifika tal-iżvilupp, hija m'għandhiex ikollha sjieda jew drittijiet ta' proprjetà intellettuali fuq il-prodotti jew it-teknoloġiji li jirriżultaw mill-azzjonijiet iffinanzjati. Ir-reġim tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali applikabbli ser jiġi definit kuntrattwalment mill-benefiċjarji. L-Istati Membri interessati għandu jkollhom il-possibbiltà li jipparteċipaw f'akkwisti pubbliċi kooperattivi ta' segwitu.
- (25) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi programm ta' ħidma pluriennali f'konformità mal-oġettivi tal-Programm. Bil-ħsieb li tiġi żgurata d-distribuzzjoni effettiva tal-finanzjament, jenħtieġ li l-programm ta' ħidma jistabbilixxi l-kategoriji tal-proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati taħt il-Programm, it-tip ta' finanzjament u l-baġit allokat, u l-kategoriji mixtieqa ta' azzjonijiet eliġibbli, inkluż, fejn xieraq, il-metodoloġija tal-evalwazzjoni li tinkludi il-ponderazzjoni u l-limiti minimi għat-twettiq tal-kriterji tal-ġoti.
- (26) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi assistita minn Kumitat tal-Istati Membri (minn issa 'l quddiem "il-kumitat") biex tistabbilixxi dan il-programm ta' ħidma. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel hilita biex issib soluzzjonijiet li jkunu jgawdu l-akbar appoġġ possibbli fi ħdan il-kumitat. F'dan il-kuntest, il-kumitat jista' jiltaqa' fil-format ta' esperti fid-difiża nazzjonali biex tingħata assistenza speċifika lill-Kummissjoni. Huwa f'idejn l-Istati Membri biex jaħtru r-rappreżentanti tagħhom f'dan il-kumitat.

- (27) Fid-dawl tal-politika tal-Unjoni dwar l-SMEs bħala kruċjali biex jiġi żgurat it-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni, il-ħolqien tal-impjiegi u l-integrazzjoni soċjali fl-Unjoni, u l-fatt li l-azzjonijiet sostnuti tipikament ser jeħtieġu kollaborazzjoni transnazzjonali, hu importanti li l-programm ta' ħidma jirrifletti u jippermetti aċċess transfruntier miftuħ, ġust u trasparenti u l-parteċipazzjoni tal-SMEs, u li għalhekk dawn l-azzjonijiet jibbenefikaw minn proporzjon tal-baġit totali.
- (28) Sabiex jinkisbu il-benefiċċji tal-għarfien espert tagħha fis-settur tad-difiża, u skont il-kompetenzi mogħtija lilha permezz tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża għandha tiġi mistiedna bħala osservatur fil-kumitat tal-Istati Membri. Jenħtieġ li s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna wkoll jiġi mistieden jattendi l-kumitat tal-Istati Membri.
- (29) Il-Kummissjoni għandha tagħmel hilita biex iżżomm djalogu ma' firxa wiesgħa ta' intrapriżi Ewropej, inklużi l-SMEs u l-fornituri mhux tradizzjonali fil-qasam tad-difiża, biex tiżgura s-suċċess tal-Programm.
- (30) Bħala regola ġenerali, biex jintgħażlu l-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Programm, il-Kummissjoni, jew l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 58(1)(c) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 għandha torganizza sejħiet kompetittivi kif previst minn dak ir-Regolament u tiżgura li l-proċeduri amministrattivi jkunu sempliċi kemm jista' jkun u jiġġeneraw ammont minimu ta' spejjeż addizzjonali. Madankollu, f'ċerti ċirkostanzi debitament iġġustifikati u eċċezzjonali, il-finanzjament mill-Unjoni jista' jingħata wkoll skont l-Artikolu 190 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/12⁶.

⁶ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

- (31) Wara l-evalwazzjoni tal-proposti li jaslu bl-għajnuna ta' esperti indipendenti vvalidati fuq talba tal-Istati Membri, il-Kummissjoni ser tagħżel l-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Programm. Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jingħataw lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma, kif ukoll għall-għoti tal-finanzjament lill-azzjonijiet magħżula. Jenħtieġ li daww is-setgħat jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu infurmati dwar ir-riżultati tal-evalwazzjoni u l-progress fl-azzjonijiet iffinanzjati.
- (32) Jenħtieġ li l-proċedura ta' eżami tintuża għall-adozzjoni ta' daww l-atti ta' implimentazzjoni b'kont meħud tal-implikazzjonijiet sostanzjali tagħhom għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (33) Jenħtieġ li fi tmiem il-Programm, il-Kummissjoni tfassal rapport ta' implimentazzjoni, li jeżamina l-attivitajiet finanzjarji mil-lat tar-riżultati tal-implimentazzjoni finanzjarja u, fejn possibbli mil-lat tal-impatt. Jenħtieġ li dan ir-rapport janalizza wkoll il-parteċipazzjoni transfruntiera tal-SMEs u l-Mid-caps fil-proġetti appoġġati mill-Programm kif ukoll il-parteċipazzjoni tal-SMEs fil-katina tal-valur globali.

⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

B'dan qed jiġi stabbilit Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (minn hawn 'il quddiem "il-Programm") għall-azzjoni tal-Unjoni li tkopri l-perijodu mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2020.

Artikolu 2

Objettivi

Il-Programm għandu ikollu l-objettivi li ġejjin:

- (a) li jrawwem il-kompetittività u l-kapaċità tal-innovazzjoni tal-industrija tad-difiża fl-Unjoni kollha biex b'hekk jikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika Ewropea billi jappoġġa l-azzjonijiet fil-fażi tal-iżvilupp tagħhom;
- (b) li jappoġġa u joħloq kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri u l-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-intrapriżi fl-Unjoni kollha, inkluż l-SMEs u l-Mid-caps, fl-iżvilupp ta' teknoloġiji jew prodotti konsistenti mal-prijoritajiet tal-kapaċitajiet ta' difiża maqbula b'mod komuni mill-Istati Membri fil-qafas tal-Politika Ewropea u ta' Sigurtà Komuni, filwaqt li jtejjeb l-aġilità tal-katini ta' provvista. Fejn xieraq, l-azzjonijiet, l-inizjattivi u l-prijoritajiet reġjonali u internazzjonali, inkluż dawk fil-kuntest tan-NATO, meta dawn ikunu jaqdu l-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Unjoni kif determinat skont il-Politika Ewropea u ta' Sigurtà Komuni u b'kont meħud tal-ħtieġa li tiġi evitata d-duplikazzjoni bla bżonn, jistgħu wkoll jitqiesu f'dan ir-rigward dment li ma jeskludux il-possibbiltà tal-parteċipazzjoni ta' kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri;
- (c) li jitrawwem użu aħjar tar-riżultati tar-riċerka dwar id-difiża u jsir kontribut għall-iżvilupp wara l-fażi ta' riċerka, u b'hekk tiġi appoġġata l-kompetittività tal-industrija Ewropea tad-difiża fis-suq intern u fis-suq globali, inkluż permezz tal-konsolidazzjoni, fejn xieraq.

Artikolu 3

Baġit

Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2020 għandu jkun ta' EUR 500 miljun fil-prezzijiet attwali.

Artikolu 4

Id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-finanzjament

1. L-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni tista' tingħata bit-tipi ta' finanzjament previsti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, b'mod partikolari l-għotjiet, u f'każijiet eċċezzjonali, l-akkwist pubbliku.
2. It-tipi ta' finanzjament imsemmija fil-paragrafu 1 u l-metodi ta' implimentazzjoni, għandhom jintgħażlu skont il-ħila tagħhom li jiksbu l-oġettivi speċifiċi tal-azzjonijiet u li jagħtu r-risultati, filwaqt li b'mod partikolari jitqiesu l-ispejjeż tal-kontrolli, il-piż amministrattiv u r-riskju ta' kunflitti ta' interess.
3. L-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni għandha tiġi implimentata direttament jew indirettament mill-Kummissjoni kif previst mir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, billi l-kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja jiġu fdati lill-entitajiet elenkati fl-Artikolu 58(1)(c) ta' dak ir-Regolament.
4. Fil-każ li maniġer ta' proġett jinħatar mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-maniġer tal-proġett dwar il-progress tal-proġett qabel ma jsir il-ħlas lill-benefiċjarji eliġibbli.

Artikolu 5

Azzjonijiet eliġibbli

1. Il-Programm għandu jagħti appoġġ lill-azzjonijiet tal-benefiċjarji waqt il-fażi tal-iżvilupp li jkopru kemm prodotti u teknoloġiji ġodda kif ukoll it-titjib tal-prodotti u tat-teknoloġiji eżistenti. Azzjoni eliġibbli tista' tkun relatata ma' wieħed jew aktar minn dawn l-elementi:
 - (a) studji, bħal studji tal-fattibilità u miżuri oħra ta' akkumpanjament;
 - (b) id-disinn ta' prodott tad-difiża, ta' komponent tanġibbli jew intanġibbli jew ta' teknoloġija, kif ukoll l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li skonthom ikun ġie żviluppat dan id-disinn li jista' jinkludi testijiet parzjali għat-tnaqqis tar-riskju f'ambjent industrijali jew rappreżentattiv;
 - (c) il-ħolqien ta' prototipi tas-sistema ta' prodott tad-difiża, komponent tanġibbli jew intanġibbli, jew teknoloġija. Prototip tas-sistema hu mudell ta' prodott jew teknoloġija li jista' juri l-prestazzjoni tal-element f'ambjent operattiv;
 - (d) l-ittestjar ta' prodott tad-difiża, ta' komponent tanġibbli jew intanġibbli, jew ta' teknoloġija;
 - (e) il-kwalifikazzjoni ta' prodott tad-difiża, ta' komponent tanġibbli jew intanġibbli, jew ta' teknoloġija; il-kwalifikazzjoni hi l-proċess kollu li jippermetti li jintwera li d-disinn ta' prodott tad-difiża, ta' komponent tanġibbli jew mhux tanġibbli jew ta' teknoloġija tissodisfa r-rekwiżiti speċifikati. Dan il-proċess jipprovdi evidenza oġġettiva li turi li r-rekwiżiti partikolari ta' disinn ikunu ġew issodisfati;
 - (f) iċ-ċertifikazzjoni ta' prodott tad-difiża, komponent tanġibbli jew intanġibbli, jew teknoloġija. Iċ-ċertifikazzjoni hu l-proċess li skontu l-awtorità nazzjonali tiċċertifika li l-prodott tad-difiża, il-komponent tanġibbli jew mhux tanġibbli jew it-teknoloġija tikkonforma mar-regolamenti applikabbli;
 - (g) l-iżvilupp ta' teknoloġiji jew assi li jżidu l-effiċjenza tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodotti u teknoloġiji tad-difiża.

2. L-azzjoni għandha ssir f'kooperazzjoni bejn intrapriżi f'konsorzju ta' mill-inqas tliet entitajiet eliġibbli li jkunu stabbiliti f'mill-inqas żewġ Stati Membri differenti. Mill-inqas tlieta minn dawn l-entitajiet eliġibbli stabbiliti f'mill-inqas żewġ Stati Membri differenti m'għandhomx ikunu effettivament ikkontrollati, direttament jew indirettament, mill-istess entità, jew m'għandhomx jikkontrollaw lil xulxin.
3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, "kontroll effettiv" tfisser relazzjoni kostitwita permezz ta'drittijiet, kuntratti jew kull mezz ieħor li, separatament jew konġuntament u b'kont meħud tal-konsiderazzjonijiet tal-fatt jew tal-liġi involuta, jagħtu l-possibbiltà li direttament jew indirettament tiġi eżerċitata influwenza deċiżiva fuq xi intrapriża, b'mod partikolari permezz ta':
 - (a) id-dritt li jintużaw l-assijiet kollha, jew parti minnhom, ta' xi intrapriża;
 - (b) id-drittijiet jew il-kuntratti li jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kompożizzjoni, il-votazzjoni jew id-deċiżjonijiet tal-korpi ta' intrapriża jew b'mod ieħor ikollhom influwenza deċiżiva fuq it-tħaddim tal-operat kummerċjali tal-intrapriża.
4. Konsorzji kif definiti fl-Artikolu 8(1) għandhom joffru prova tal-vijabbiltà permezz ta' dimostrazzjoni li l-ispejjeż li jifdal tal-azzjoni eliġibbli li mhumex koperti mill-appoġġ tal-Unjoni ser ikunu koperti minn mezzi oħra ta' finanzjament bħalma huma l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri.
5. Għall-azzjonijiet deskritti fil-punti (c) sa (f) tal-paragrafu 1, il-konsorzji għandhom jagħtu prova tal-kontribut tagħhom għall-kompetittività tal-industrija tad-difiża Ewropea billi juru li mill-inqas żewġ Stati Membri beħsiebhom jakkwistaw il-prodott finali jew jużaw it-teknoloġija b'mod ikkoordinat, inkluż l-akkwist konġunt fejn applikabbli.

6. Meta tkun relatata ma' azzjonijiet definiti fil-punt (b) tal-paragrafu 1, l-azzjoni trid tkun ibbażata fuq ir-rekwiżiti komuni maqbula b'mod konġunt minn mill-inqas żewġ Stati Membri. Meta tkun relatata ma' azzjonijiet imniżżla taħt il-punt (c) sa (f) tal-paragrafu 1, l-azzjoni trid tkun ibbażata fuq speċifikazzjonijiet tekniċi komuni maqbula b'mod konġunt mill-Istati Membri li ser jikkofinanzjaw il-prodott finali jew li beħsiebhom jakkwistawh b'mod konġunt jew jużaw it-teknoloġija, kif imsemmi fil-paragrafi 4 u 5.

Artikolu 6

L-entitajiet eliġibbli

1. Il-benefiċjarji għandhom ikunu intrapriżi pubbliċi jew privati stabbiliti fl-Unjoni.
2. L-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi tal-benefiċjarji u s-subkuntratturi tagħhom użati għall-finijiet tal-azzjonijiet iffinanzjati taħt il-Programm għandhom ikunu jinsabu fit-territorju tal-Unjoni matul id-durata kollha tal-azzjoni, u l-istrutturi manġerjali eżekuttivi tagħhom għandhom ikunu stabbiliti fl-Unjoni.
3. Għall-finijiet tal-azzjonijiet iffinanzjati taħt il-Programm, il-benefiċjarji u s-subkuntratturi tagħhom ma għandhomx ikunu soġġetti għal kontroll minn pajjiżi terzi jew minn entitajiet ta' pajjiżi terzi.
4. B'deroga mill-paragrafu 3, intrapriża kkontrollata minn pajjiżi terzi jew minn entitajiet ta' pajjiżi terzi hija eliġibbli bħala benefiċjarju jew subkuntrattur, f'konformità mal-Artikolu 14(2), jekk l-Istat Membru fejn din tkun tinsab jipprovdi biżżejjed assigurazzjonijiet, skont il-proċeduri nazzjonali tiegħu, li din la tmur kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha kif stabbilit fil-qafas tal-Politika Eterra u ta' Sigurtà Komuni f'konformità mat-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u lanqas ma tmur kontra l-oġġettivi ta' dan il-Programm kif stipulati fl-Artikolu 2. L-assigurazzjonijiet li għandhom jiġu pprovvduti għandhom ukoll jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet kif jinsabu fl-Artikolu 11.

5. Jekk ma jkunx hemm sostituti kompetittivi diġà disponibbli fl-Unjoni, u jekk dan l-użu ma jmurx kontra l-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, il-benefiċjarji u s-subkuntratturi tagħhom jistgħu jużaw assi, infrastruttura, faċilitajiet u riżorsi li jinsabu jew li jinżammu barra mit-territorju tal-Istati Membri jew ikkontrollati minn pajjiżi terzi. Meta jwettqu azzjoni eliġibbli, il-benefiċjarji u s-subkuntratturi tagħhom jistgħu wkoll jikkooperaw ma' intrapriżi stabbiliti barra mit-territorju tal-Istati Membri jew ikkontrollati minn pajjiżi terzi jew minn entitajiet ta' pajjiżi terzi jekk dan ma jmurx kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. L-ispejjeż marbuta ma' dawn l-attivitajiet m'għandhomx ikunu eliġibbli għal finanzjament taħt il-Programm.
6. Il-benefiċjarji għandhom jipprovdu qabel l-iffirmar tal-ftehim ta' finanzjament l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa għall-valutazzjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà.

Artikolu 7

Dikjarazzjoni mill-konsorzji

Kull konsorzju li jixtieq jieħu sehem f'azzjoni għandu jiddikjara, permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub, li jaf sew u li hu konformi mal-leġislazzjoni u r-regolamenti nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli li jirrigwardaw l-attivitajiet fil-qasam tad-difiża.

Artikolu 8

Konsorzju

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, konsorzju huwa grupp ta' intrapriżi kif definit fl-Artikolu 5(2) li jixtiequ jipparteċipaw f'azzjoni taħt il-Programm, u li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà stipulati f'dan ir-Regolament. Il-benefiċjarji li ser jirċievu finanzjament skont il-proċedura tal-għoti fl-Artikolu 14 għandhom ukoll jitqiesu bħala konsorzju għall-fini ta' dan ir-Regolament.

2. Meta l-ghajjnuna finanzjarja tal-Unjoni tingħata b'għotja, il-membri ta' kwalunkwe konsorzju li jkunu jixtiequ jieħdu sehem f'azzjoni għandhom jaħtru wieħed minnhom bħala koordinatur, li għandu jiġi identifikat fil-ftehim ta' għotja. Il-koordinatur għandu jkun il-punt ewlieni ta' kuntatt bejn il-membri tal-konsorzju fir-relazzjonijiet mal-Kummissjoni jew il-korp ta' finanzjament rilevanti, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor fil-ftehim ta' għotja, jew fil-każ ta' nonkonformità mal-obbligi tiegħu skont il-ftehim ta' għotja.
3. Il-membri ta' konsorzju li jieħdu sehem f'azzjoni għandhom jikkonkludu ftehim intern li jistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tagħhom b'rabta mal-implimentazzjoni tal-azzjoni (f'konformità mal-ftehim ta' għotja), ħliel fil-każijiet iġġustifikati previsti fil-programm ta' ħidma jew fis-sejħa għall-proposti.

Artikolu 9

Il-kriterji tal-ġħoti

L-azzjonijiet proposti għall-finanzjament mill-Programm għandhom jiġu evalwati abbażi tal-kriterji li ġejjin:

- (a) kontribut għall-eċċellenza billi, b'mod partikolari jintwera, li l-ħidma proposta tmur lil hinn mill-ogħla livell ta' żvilupp tekniku billi juru vantaġġi sinifikanti fuq prodotti jew teknoloġiji eżistenti;
- (b) kontribut għall-innovazzjoni, b'mod partikolari billi juru li l-azzjonijiet proposti jinkludu kunċetti u approċċi rivoluzzjonarji u ġodda, titjib teknoloġiku promettenti għall-futur jew l-applikazzjoni ta' teknoloġiji jew kunċetti li qabel ma kinux applikati fis-settur tad-difiża;
- (c) kontribut għall-kompetittività tal-industrija tad-difiża Ewropea, b'mod partikolari bil-ħolqien ta' opportunitajiet għal swieq ġodda u l-aċċellerazzjoni tat-tkabbir ta' kumpanniji fl-Unjoni kollha;

- (d) kontribut għall-awtonomija industrijali tal-industrija tad-difiża Ewropea u għall-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Unjoni f'konformità mal-prijoritajiet ta' kapaċitajiet ta' difiża maqbula mill-Istati Membri fil-qafas tal-Politika Ewropea u ta' Sigurtà Komuni u, fejn xieraq, ftehimiet ta' kooperazzjoni reġjonali u internazzjonali;
- (e) il-proporzjon tal-baġit kollu għall-azzjoni, li għandu jiġi allokat għall-parteċipazzjoni tal-SMEs stabbiliti fl-Unjoni li jgħibu magħhom valur miżjud, kemm bħala membri tal-konsorzju, bħala subkuntratturi kif ukoll bħala intrapriżi oħra fil-katina tal-provvista, u b'mod partikolari lil SMEs li huma stabbiliti fl-Istati Membri li mhumiex daww i-intrapriżi fil-konsorzju li mhumiex SMEs huma stabbiliti;
- (f) għall-azzjonijiet deskritti fil-punti (b) sa (e) tal-Artikolu 5(1), il-kontribut għal aktar integrazzjoni tal-industrija tad-difiża Ewropea billi l-benefiċjarji juru li l-Istati Membri beħsiebhom konguntemment jużaw, ikollhom pussess jew iżommu l-prodott jew it-teknoloġija finali b'mod koordinat.

Skont il-punti (a) sa (c) ta' dan l-Artikolu, fejn rilevanti, għandu jittieħed kont tal-kontribut għal żieda fl-effiċjenza tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti u t-teknoloġija tad-difiża, inkluż il-kosteffettività u l-potenzjal għal sinerġiji fil-proċess tal-akkwist u tal-manutenzjoni.

In-nuqqas ta' xi waħda minn dawn il-kriterji ma għandux jittqies bħala eliminatorju.

Artikolu 10

Ir-rati ta' finanzjament

1. L-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni mogħtija mill-Programm ma għandhiex taqbeż l-20 % tal-ispiża eliġibbli tal-azzjonijiet definiti fl-Artikolu 5(1)(c). Fil-każijiet l-oħra kollha, l-għajnuna tista' tkopri l-ispiża eliġibbli tal-azzjoni. Il-parti tal-ispiża indiretta li għandha tiġi koperta għandha tiġi definita fil-programm ta' hídma.

2. Jekk konsorzju jkun qed jiżviluppa azzjoni kif definit fl-Artikolu 5(1) fil-kuntest ta' Kooperazzjoni Strutturata Permanenti, dan jista' jibbenefika minn rata ta' finanzjament b'10 punti perċentwali addizzjonali oġġla.
3. Jekk konsorzju jkun qed jiżviluppa azzjoni kif definita fl-Artikolu 5(1) u jassumi l-impenn li jalloka mill-inqas 5 % tal-ispiża eliġibbli tal-azzjoni lil SMEs li jkunu stabbiliti fl-UE, huwa jista' jibbenefika minn rata ta' finanzjament miżjuda b'punti perċentwali ekwivalenti għal perċentwali tal-ispiża tal-azzjoni lil SMEs iżda mhux aktar minn 8 punti perċentwali.
4. Jekk konsorzju jkun qed jiżviluppa azzjoni kif definita fl-Artikolu 5(1), huwa jista' jibbenefika minn rata ta' finanzjament miżjuda b'punt perċentwali ekwivalenti għad-doppju ta' perċentwali tal-ispiża allokat lil SMEs stabbiliti fl-Istati Membri minbarra dawk fejn l-intrapriżi fil-konsorzju li mhumiex SMEs ikunu stabbiliti.
5. Jekk konsorzju jkun qed jiżviluppa azzjoni kif definita fl-Artikolu 5(1) u jassumi l-impenn li jalloka mill-inqas 5 % tal-ispiża eliġibbli tal-azzjoni għal Mid-caps li jkunu stabbiliti fl-Unjoni, huwa jista' jibbenefika minn rata ta' finanzjament miżjuda b'punti perċentwali ekwivalenti għal perċentwali tal-ispiża tal-azzjoni allokat lil Mid-caps iżda mhux aktar minn 8 punti perċentwali.

Għall-finijiet ta' dan il-Programm u mingħajr preġudizzju għal programmi futuri, jenħtieġ li l-kunċett ta' Midcaps jinftiehem li jfisser l-intrapriżi li jkollhom sa 3 000 impjegat, fejn l-għadd ta' membri tal-persunal jiġi kkalkolat skont l-Artikoli 3, 4, 5 u 6 tat-Titolu I tal-Anness għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE, u li mhumiex SMEs.

6. Jekk konsorzju jkun qed jiżviluppa azzjoni kif definita fl-Artikolu 5(1) u l-membri tiegħu jkunu stabbiliti f'aktar minn żewġ Stati Membri, fejn kull wieħed minnhom jimpenja ruħu li jiffinanzja flimkien jew jakkwista jew juża b'mod konġunt il-prodott jew teknoloġija finali, huwa jista' jibbenefika minn rata ta' finanzjament miżjuda b'5 punti perċentwali addizzjonali.

7. L-assistenza finanzjarja tal-Unjoni pprovduta taħt il-Programm, inkluż ir-rati ta' finanzjament ogħla, ma għandhiex tkopri iktar minn 100 % tal-ispiża eliġibbli tal-azzjoni.

Artikolu 11

Is-Sjieda u d-Drittijiet ta' Proprjetà Intellettwali

1. L-Unjoni ma għandux ikollha sjieda tal-prodotti jew teknoloġiji li jirriżultaw mill-azzjoni u lanqas ma għandu jkollha xi dritt ta' proprjetà intellettwali relatat mal-azzjoni.
2. Ir-riżultati finali tal-azzjonijiet li jirċievu appoġġ mill-Programm, inkluż f'termini ta' trasferiment tat-teknoloġija, ma għandhomx ikunu soġġetti għal restrizzjoni, minn pajjiżi terzi jew minn entitajiet ta' pajjiżi terzi.
3. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa d-diskrezzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tal-politika dwar l-esportazzjoni ta' prodotti relatati mad-difiża.
4. Jekk l-għajnuna tal-Unjoni tingħata fil-forma ta' akkwist pubbliku ta' studju, l-Istati Membri kollha għandu jkollhom id-dritt għal liċenzja mingħajr ħlas u mhux esklużiva għall-użu tal-istudju fuq it-talba espliċita tagħhom.

Artikolu 12

Il-kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. L-Aġenzija Ewropea għad-Difiża għandha tiġi mistiedna tagħti l-fehmiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħha. Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandu wkoll jiġi mistieden jattendi l-laqgħat tal-kumitat.

Il-Kumitat għandu jiltaqa' wkoll f'konfigurazzjonijiet speċjali, inkluż biex jiġu diskussi aspetti tad-difiża. Il-membri tal-kumitat għandhom jingħataw opportunitajiet bikrija u effikaċi biex jeżaminaw l-abbozzi tal-atti ta' implimentazzjoni u jesprimu l-fehmiet tagħhom.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Fejn il-Kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 13

Il-programm ta' ħidma

1. Permezz ta' att ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta programm ta' ħidma pluriennali għad-durata tal-Programm. Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 12(2). Dan il-programm ta' ħidma għandu jkun konformi mal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2.
2. Il-programm ta' ħidma għandu jistabbilixxi fid-dettall il-kategoriji tal-proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati taħt il-Programm, it-tip ta' finanzjament u tal-baġit allokat, inkluż ir-rati massimi ta' finanzjament, u l-kategoriji mixtieqa ta' azzjonijiet eliġibbli kif definiti fl-Artikolu 5(1), inkluż, fejn xieraq, il-metodoloġija tal-evalwazzjoni inkluż l-ippeżar u l-limiti minimi għat-twettiq tal-kriterji tal-għoti.
3. Il-programm ta' ħidma għandu jiżgura li mill-inqas 10 % tal-baġit totali ser ikunu għall-benefiċċju tal-parteċipazzjoni transfruntiera tal-SMEs; barra minn hekk, kategorija speċifika ta' proġetti ddedikati għall-SMEs għandha tiġi stabbilita fil-programm ta' ħidma.

Artikolu 14

Il-proċedura tal-evalwazzjoni u tal-għoti

1. Fl-implimentazzjoni tal-Programm, il-finanzjament mill-Unjoni għandu jingħata wara sejħiet kompetittivi maħruġin skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/12. F'ċerti ċirkostanzi debitament iġġustifikati u eċċezzjonali, il-finanzjament mill-Unjoni jista' jingħata wkoll skont l-Artikolu 190 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/12.

2. Il-proposti ppreżentati wara s-sejħa għal proposti għandhom jiġu evalwati mill-Kummissjoni, bl-għajnuna ta' esperti indipendenti li jiġu validati fuq talba mill- Istat Membri, abbażi tal-kriterji ta' eliġibbiltà u tal-għoti stabbiliti fl-Artikoli 5, 6, 7 u 9.
3. Il-Kummissjoni għandha tagħti l-finanzjament għal azzjonijiet magħżula wara kull sejħa jew wara l-applikazzjoni tal-Artikolu 190 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/12. Il-Kummissjoni għandha tagħti l-finanzjament għal azzjonijiet magħżula permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 12(2).

Artikolu 15

Il-ħlasijiet annwali

Il-Kummissjoni tista' taqşam l-impenji baġitarji fi ħlasijiet annwali.

Artikolu 16

Il-monitoraġġ u r-rappurtar

1. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja regolarment l-implimentazzjoni tal-programm u tirrapporta kull sena dwar il-progress li jkun sar skont l-Artikolu 38(3)(e) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-arranġamenti meħtieġa tal-monitoraġġ.

2. Biex tappoġġa aktar l-effiċjenza u l-effettività ta' azzjonijiet ta' politika futuri tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport ta' evalwazzjoni retrospettiv u tibagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport - imsejjes fuq konsultazzjonijiet rilevanti mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati ewlenin - għandu b'mod partikolari jevalwa l-progress li jkun sar biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2. Dan għandu janalizza wkoll il-parteċipazzjoni transfruntiera, inkluż tal-SMEs, u tal-Mid-caps, fil-proġetti implimentati taħt il-programm kif ukoll il-parteċipazzjoni tal-SMEs, u tal-Mid-caps fil-katina tal-valur globali. Barra minn hekk ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-oriġini tal-benefiċjarji u, fejn possibbli, d-distribuzzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali ġġenerati.
3. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi rapport interim li jkun jinkludi valutazzjoni dwar il-governanza tal-Programm, ir-rati ta' implimentazzjoni, r-riżultati tal-għoti tal-proġetti inkluż l-involvement tal-SMEs u l-Mid-caps u l-grad ta' parteċipazzjoni transfruntiera tagħhom, u l-finanzjament mogħti skont l-Artikolu 190 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/12 kif jinsab fl-Artikolu 14(1), sat-30 ta' Lulju 2019.

Artikolu 17

Il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-miżuri adatti sabiex tiżgura li, meta jkunu implimentati l-azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu protetti bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kull attività illegali oħra, b'verifiki effettivi u, jekk jiġu identifikati irregolaritajiet, bl-irkupru tal-ammonti mħallsa bi żball u, meta xieraq, b'pieni amministrattivi u finanzjarji effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa tal-awditjar, jew fil-każ ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, is-setgħa ta' verifika b'konformità mal-ftehimiet milħuqa magħhom, abbażi ta' dokumenti u żjarat fuq il-post, fir-rigward ta' kull benefiċjarju, kuntrattur u subkuntrattur tal-għotjiet, li jkunu rċevew fondi tal-Unjoni skont il-Programm.
3. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, fosthom verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, skont id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ u fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96⁹, bil-għan li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew xi tip ta' attività illegali oħra li tolqot l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim jew deċiżjoni tal-għoti jew kuntratt li jkun iffinanzjat skont dan ir-Regolament.

⁸ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

⁹ Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

Artikolu 18

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President

Abbozz ta' Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar il-finanzjament EDIDP

Mingħajr preġudizzju għall-prerogattiva tal-awtorità tal-baġit, jenħtieġ li l-baġit totali għall-implimentazzjoni tal-Programm jsir disponibbli esklużivament permezz ta' riallokazzjonijiet taħt l-Intestatura 1a tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perijodu 2014-2020.

Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Istituzzjonijiet kollha biex isibu raġuni komuni għall-finanzjament tal-EDIDP esklużivament permezz ta' riallokazzjonijiet fl-Intestatura 1a. Il-Kunsill ma japprovax l-approċċ tal-Kummissjoni li l-finanzjament jinqasam bejn riallokazzjonijiet u l-użu tal-marġini fil-proposta inizjali tagħha.
